# MINUTI

## Is-sitt Kunsill - SEDUTA Nru. 37

Il-Hamis, 30 ta' Settembru, 2010

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 31 Triq Nofsinhar, fl-4.00 p.m.

Is-Sindku, Dr. Alexiei Dingli ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti s-Sindku, il-Vici Sindku u l-Kunsillieri Raymond Azzopardi, Peter Buontempo, Mario Camenzuli u Vince Farrugia.

Il-Kunsillier Borg infurmat li ma kenitx ser tattendi minhabba x-xoghol.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 36 li saret nhar il-Hamis, 9 ta' Settembru, 2010 kienu konfermati.

**PROGETTI PROPOSTI**

Wara l-prezentazzjoni li saret lill-Kunsill mill-Perit Chris Briffa dwar il-proposta tal-Progett tal Mattia Preti Hotel saret diskussjoni dwar din il-proposta.

Il-Kunsillier Camenzuli staqsa fiex jinkwadra l-Kunsill f'dan il-progett filwaqt li l-Kunsillier Buontempo staqsa jekk il-Kunsill jistax jaghmel dan it-tip ta' progett.

Is-Sindku qal li l-idea hija li l-Kunsill japplika mal-MEPA ghal Outline Development Permit u japplika mad-Dipartiment ta' l-Artijiet ghad-devoluzzjoni tal-propjeta`. Malli jkollu dawn, jinstab investitur li jkun jista' japplika ghal Full Development Application u l-Kunsill jaghmel Public Private Partnership ma' dan l-investitur. Ghaldaqstant qal li dan il-progett jista' jsir mill-Kunsill Lokali.

Is-Sindku zied ukoll li s-sena l-ohra kienet diga harget sejha ghall-offerti, liema sejha ma gietx awarded. Jigifieri jekk il-Kunsill ma jiehdux taht idejh, ikun il-Gvern li jizviluppah.

Fl-introduzzjoni tieghu, il-Perit spjega kif it-Tnejn ta' wara s-Seduta kienet ser tidhol fis-sehh ir-riforma tal-MEPA u jfisser li mhux ser ikun possibli aktar li jitressaq Outline Development Application. Ghalhekk, jekk l-applikazzjoni ma tigix sottomessa sat-Tnejn, ikun irid isir Full Development application li tiswa hafna flus.

Il-Kunsillier Azzopardi qal li mil-lum sat-Tnejn ma jilhaqx jara d-dettalji proposti u ma tistax issir konsultazzjoni man-nies kif suppost.

Is-Sindku wiegeb li jkun tajjeb jekk il-Kunsill igib l-Outline Development u wara ssir il-konsultazzjoni ma' min hemm bzonn b'mod specjali mar-residenti. F'kaz li l-Kunsill jidhirlu li l-progett m'ghandux isir, ikun jista' jirtira mill-progett.

Il-Kunsillier Azzopardi fakkar ukoll li l-Kunsill kien ircieva petizzjoni kontra xi estensjoni ta' dan il-post propju fis-seduta ta' qabel.

Il-Vici Sindku qal li hu ovvju li r-residenti tal-madwar se joggezzjonaw ghal zvilupp bhal dan. Huwa qal li jekk jigi approvat l-Outline Development xorta jkun irid isir il-Full Development Application.

Is-Sindku qal li bi zvilupp bhal dan, joghla l-valur tal-propjeta` tal-madwar u b'hekk ikunu qed igawdu r-residenti.

Il-Kunsillier Camenzuli staqsa x'garanzija hemm li l-Gvern jghaddi dan il-post lill-Kunsill.

Is-Sindku wiegeb li m'hemmx garanzija.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa min ser ihallas ghall-Full Development Application.

Is-Sindku wiegeb li l-izviluppatur japplika u jhallas ghal dan.

Il-Kunsillier Azzopardi staqsa wkoll jekk dan il-post jistax isir Dar ghall-Anzjani.

Is-Sindku wiegeb li hu jixtieq li jkun hawn Dar ghall-Anzjani, izda l-problema hija li minhabba li fil-Belt hawn hafna anzjani, ikun difficli taghzel lil min se ddahhal. Barra minhekk, ghal Dar ghall-Anzjani jkun difficli li jinstab zviluppatur.

Il-Vici Sindku qal li tohloq zbilanc jekk iddahhal ammont zghir ta' anzjani u thalli l-ohrajn kollha barra.

Il-Kunsillier Azzopardi, filwaqt li bhala progett kien jghogbu, qal li l-Kunsill ma jistax jahseb biss mil-lat kummercjali izda jrid jara xi jridu n-nies u n-niesjippreferu Dar ghall-Anzjani.

Is-Sindku sostna li l-anzjani ma jaffordjawx ihallsu ghal dan.

Fil-kummenti tieghu, il-Perit qal li l-cost ta' parti mill-bini jkun vijabbli biss jekk issir hotel u qal li ghal Dar ghall-Anzjani m'hemmx bzonn li jkollha t-twieqi kollha bil-veduta.

Il-Kunsillier Camenzuli staqsa kif jista' japplika l-Kunsill meta l-art hija tal-Gvern.

Is-Sindku wiegeb li bhal ma sar ma Kunsilli Lokali ohra li talbu devoluzzjoni ghal xi post partikolari, jista' jsir mal-Kunsill tal-Belt.

Il-Kunsillier Farrugia qal li hemm zmien qasir biex wiehed jahseb fuq il-progett u jasal ghal decizjoni. Huwa qal li huwa xettiku hafna jekk dan il-progett jistax isir. Ma' dan qabel ukoll il-Kunsillier Buontempo.

Il-Kunsillier Farrugia, filwaqt li qal bhala progett huwa sabih, qal li jrid garanzija mis-Segretarju Ezekuttiv li l-Kunsill jista' jidhol fi progett bhal dan.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li mil-lat ta' devoluzzjoni tal-proprjeta`, it-talba mill-Kunsill tista' ssir izda jrid jiehu parir dwar il-lat kummercjali tal-progett.

Il-Kunsillier Farrugia staqsa min se jkun il-firmatarju ta' l-Outline Development.

Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill Lokali se jkun il-firmatarju. L-avukat tal-Kunsill qieghed jifformola bazi ghal Public Private Partnership dwar il-latrini pubblici, liema ftehim ikun ta' l-ewwel xorta tieghu ghall-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsillier Azzopardi qal li ghalkemm huwa xettiku dwar il-progett, il-kuncett kien qed joghgbu. Huwa qal li l-fatt li m'hemmx spejjez ghall-Kunsill hlief l-applikazzjoni ghall-Outline Development Permit, jaqbel li l-process ghandu jibqa' ghaddej u wara ssir il-konsultazzjoni.

Il-Kunsill Camenzuli qal li hu ma jridx li l-Kunsill iwitti t-triq ghal xi hadd iehor.

Is-Sindku nforma li l-Kunsill jista' jidhol f'arrangamenti kummercjali bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru. Huwa qal li l-hsieb huwa li titwaqqaf kumpanija tal-Kunsill u dan il-progett jinkwadra hawnhekk.

Il-Kunsillier Farrugia sostna li hu jippreferi li naraw jekk dan jistax isir mil-lat kummercjali qabel ikompli l-process.

Il-Kunsill Azzopardi ssugerixxa li l-Kunsill ghandu jiehu parir malajr mid-Dipartiment dwar il-progett.

Il-Perit ssugerixxa li s-Segretarju Ezekuttiv jara jekk fil-principju dan jistax isir u f'kaz li fin-negattiv, jitwaqqaf il-process billi jirtira l-applikazzjoni ghal Outline Development u l-Kunsill jiehu l-flus lura.

Kien hemm qbil fuq din il-premessa.

**KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU**

***Parkegg riservat ghall-Membri Parlamentari***

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-parkeggi riservati tal-Membri Parlamentari se jitnehhew mit-toroq residenzjali u se jitpoggew temporanjament fi Triq Merkanti, hdejn is-Suq. B'dan ic-caqlieq il-parking jerga'jinghata lura lir-residenti. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dan ma japplikax fil-granet meta jkun hemm il-Parlament filghodu u ghalhekk f'dawn il-kazijiet biss, il-Membri Parlamentari jipparkjaw fit-toroq fejn qed jipparkjaw bhalissa.

Il-Kunsillier Camenzuli irrimarka li l-marki li qed isiru huma ftit perikoluzi. Is-Sindku wiegeb li dawn il-kumment fuq dawn il-parkeggi riservati ghall-Membri Parlamentari se jwassalhom lil Transport Malta.

***CCTV's fic-centru kummercjali***

Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara s-serqa li saret ricentament fuq sid ta' hanut tad-deheb fi Triq Santa Lucija, saret laqgha mas-Supretendent tal-Pulizija u ma' rapprezentati tas-sidien tal-hwienet ta' Triq Merkanti fejn kien hemm qbil li jizdiedu aktar cctv's fic-centru kummercjali flimkien ma' dawk ezistenti ta' Triq ir-Repubblika. Is-Supretendent ser tidentifa il-*hot spots* u fejn dawn ghandhom jizdiedu.

Sadanittant, is-Sindku qal li kien tkellem mal-Kunsillier Azzopardi dwar il-possibilta` li cctv's jigu estizi f'areas residenzjali. Il-Kunsillier Azzopardi qal li kien ghadu qed jigbor xi kwotazzjonijiet sabiex il-Kunsill ikollu idea ta' prezzijiet u dawn se jressaqhom f'seduta ohra.

***Tender ghal contract manager dwar ir-resurfacing tat-toroq u servizz ta' Perit***

Kien hemm qbil li terga' tohrog is-sejha ghal-contract manager fuq ir-resurfacing tat-toroq u servizzi ohra ta' perit.

***Tender ghal servizz fuq l-IT***

Is-Sindku ppropona li tinhareg sejha ghal persuna specjalizzata fuq l-IT sabiex jibda jigi ppreparat ix-xoghol fuq l-LCD screens u xoghol iehor relatat. Kien hemm qbil dwar dan.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

**AWTORIZAZZJONI GHALL-IFFIRMAR TA' L-ORDNIJIET GHAL HLASIJIET**

Il-Kunsillieri Azzopardi u Camenzuli pproponew li l-contract manager Domnic Polidano jinghata bonus ghax-xoghol tajjeb hafna fit-tindif li sar wara n-Notte Bianca. Il-Kunsill unanimament qabel dwar dan.

**TMIEM**

Fis-6.00pm il-Kunsill aggorna ghal nhar il-Hamis 14, t'Ottubru, 2010 fil-4.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku